31973R1546

11.6.1973 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 155/8

IR-REGOLAMENT (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 1546/73 TAL-KUNSILL ta' l-4 ta' Ġunju 1973 li jemenda r-Regolament Nru No 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Filwaqt li kkunsidra t-Trattat [1] li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b' mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu;

Billi huwa opportun li jiġu emendati xi dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistabilixxi l-emolumenti tal-Membri tal-Kummissjoni u tal-Qorti, bl-għan partikolari, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aġġustamenti li saru għas-salarji ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet, li tiġi aċċertata ż-żamma ta' differenza bejn is-salarji tal-Membri tal-Kummissjoni u l-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa waħda, u dawk ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, min-naħa l-oħra;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom [2] tal-Kunsill, tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE, KEFA) Nru 2690/72 [3], għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) B' effett mill-1 ta' Lulju 1972, il-kliem ta' l-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Is-salarju bażiku fix-xahar tal-Membri tal-Kummissjoni għandu jkun daqs l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-perċentwali li ġejjin għas-salarju bażiku ta' uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej fl-aħħar tarġa tal-Grad A 1:

President	138 %
Viċi-President	125 %
Membri oħrajn	112.5 %

2. Is-salarju bażiku fix-xahar tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun daqs l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-perċentwali li ġejjin għas-salarju bażiku ta' uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej fl-aħħar tarġa tal-Grad A 1:

President	138 %
Imħallef jew Avukat-Ġenerali	112.5 %
Reġistratur	101 %"

(b) B' effett mill-1 ta' Lulju 1972, il-kliem ta' l-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Membri tal-Kummissjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom ikunu intitolati għal *allowances* tal-familja iffissati b' analoġija mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 1 sa 3 ta' l-Anness VII ta' dawk ir-Regolamenti."

(ċ) B' effett mill-1 ta' Lulju 1972, il-kliem ta' l-Artikolu 4(2) u (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Membri tal-Kummissjoni għandhom jirċievu *entertainment allowance* fix-xahar li tammonta għal:

President	Bfrs 29 745
Viċi-President	Bfrs 19 115
Membri oħrajn	Bfrs 12 745

3. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jirċievu *entertainment allowance* fix-xahar li tammonta għal:

President	Bfrs 29 745
Imħallef/Avukat-Ġenerali	Bfrs 12 745
Reġistratur	Bfrs 11 620

L-Imħallfin li jippresjedu l-Awli tal-Qorti għandhom minbarra dan jirċievu matul iż-żmien tal-kariga tagħhom *allowance* speċjali tal-kariga ta' Bfrs 17 000 fix-xahar."

(d) B' effett mill-1 ta' Lulju 1972, għandu jiżdied paragrafu 4 kif ġej ma' l-Artikolu 4:

"4. L- *allowances* imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiżdiedu kull sena mill-Kunsill filwaqt li jaġixxi b' maġġoranza kwalifikata, u b' qies għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja."

[1] ĠU C 152, tat-13.7.1967, p. 2/67.
[2] ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 1/67.
[3] ĠU L 286, tat-23.12.1972, p. 1.

(e) B' effett mill-1 ta' Lulju 1972 l-Artikolu 4(a) kif ġej għandu jiġi inserit wara l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, No 5/67/Euratom:

"*Artikolu 4a*

Is-salarji bażiċi msemmija fl-Artikolu 2, l-*allowances* tal-familja msemmija fl-Artikolu 3, u l-*allowances* imsemmija fl-Artikolu 4(1), għandhom ikunu suġġetti għall-koeffiċjent stabbilit mill-Kunsill skond l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej rigward l-uffijċali impjegati fil-Belġju."

Artikolu 2

L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandu jiġi emendat kif ġej b' effett mill-1 ta' Jannar 1973:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal tliet snin mill-ewwel jum tax-xahar wara dak fejn ma jibqax fil-kariga, persuna li kienet membru tal-Kummissjoni jew tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirċievi *allowance* transitorja fix-xahar iddeterminata skond il-proċedura li ġejja:

— 40 % tas-salarju bażiku li kien qed jirċievi meta waqaf mill-kariga jekk il-perjodu tas-servizz tiegħu huwa inqas minn sentejn;

— 45 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa aktar minn sentejn iżda inqas minn tliet snin;

— 50 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa aktar minn tliet snin u inqas minn ħames snin;

— 55 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa aktar minn ħames snin u inqas minn għaxar snin;

— 60 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa aktar minn għaxar snin u inqas minn ħmistax-il sena;

— 65 % ta' l-istess salarju f'każijiet oħrajn."

(b) Wara l-paragrafu 4 għandu jiżdied paragrafu 5 ġdid, b' dan il-kliem:

"5. Matul il-perjodu kollu ta' tliet snin imsemmi fil-paragrafu 1, il-persuna li kienet membru tal-Kummissjoni jew tal-Qorti għandha tkun intitolata għall-*allowances* tal-familja previsti fl-Artikolu 3."

Artikolu 3

Ir-rata ta' 60 % imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom għandha tiġi sostitwita bir-rata ta' 70 %, b' effett mill-1 ta' Jannar 1973.

Artikolu 4

Il-pensjonijiet u l-*allowances* akkwistati skond jew l-Artikolu 7, 8, 9, 10, 15 u 20 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom, jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ottubru 1958, li tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-emolumenti tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, emendata bid-Deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1969, għandhom jiġu riveduti a bażi tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1, 2 u 3 u b' effett mid-data stabbilita minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Ġunju 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

R. VAN ELSLANDE